

32001D0379

L 134/40

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

17.5.2001

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

ta' l-4 ta' April 2001

dwar l-approvazzjoni, fisem il-Komunità Ewropea, tal-Protokoll għall-Konvenzjoni tal-1979 dwar it-Tniġġis ta' l-Arja Transkonfini fuq Distanza Twila fuq il-Metalli Tqal

(2001/379/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, b'mod partikolari l-Artikolu 175(1), flimkien ma' l-Artikolu 300(2), l-ewwel sentenza tal-ewwel subparagrafu u (3), l-ewwel subparagrafu tiegħu,

Wara li kkunsidra il-proposta mill-Kummissjoni ⁽¹⁾,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ⁽²⁾,

Billi:

- (1) Il-Komunità ffirmat f'Aarhus, fl-24 ta' Ġunju 1998 il-Protokoll għall-Konvenzjoni ta' l-1979 dwar it-Tniġġis ta' l-Arja Transkonfini fuq Distanza Twila fuq il-Metalli Tqal (hawnhekk iżjed "l quddiem" il-Protokoll.
- (2) Il-Protokoll jimmira li jikkontrolla l-emissjonijiet ta' metalli tqal ikkawżati minn attivitajiet antropoġeniċi li huma suġġetti għal transport atmosferiku transkonfini fuq distanza twila, u li x'aktarx ikollhom effetti ħżiena ħafna fuq is-saħħa tal-bniedem jew fuq l-ambjent.
- (3) Il-Protokoll jistipula t-tnaqqis fl-emissjonijiet totali annwali ta' kadmju, ċomb u merkurju fl-atmosfera, kif ukoll l-applikazzjoni ta' miżuri li jikkontrollaw il-prodotti.
- (4) Il-miżuri provduti fil-Protokoll jikkontribwixxu sabiex l-għanijiet tal-politika tal-Komunità fuq l-ambjent jiġu mil-huqa.
- (5) Il-Komunità u l-Istati Membri jikkoperaw, fil-kwadru tal-kompetenzi rispettivi tagħhom, ma' pajjiżi li m'humiex membri u organizzazzjonijiet kompetenti internazzjonali.

(6) Il-Komunità għandha tapprova l-Protokoll

IDDEĊIDIET DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

Il-Protokoll għall-Konvenzjoni ta' l-1979 fuq it-Tniġġis ta' l-Arja Transkonfini fuq Distanza Twila fuq il-Metalli Tqal, iffirmat fl-24 ta' Ġunju 1998, huwa hawnhekk approvat fisem il-Komunità Ewropea.

It-test tal-Protokoll huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill huwa hawnhekk awtorizzat biex jagħżel il-persuna li għandha l-awtorità li tiddepożita l-istrument ta' approvazzjoni mas-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti, skond l-Artikolu 16 tal-Protokoll.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni ser tiġi ppublikata fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

Magħmula fil-Lussemburgu, fl-4 ta' April 2001.

Fisem il-Kunsill

Il-President

B. ROSENGREN

⁽¹⁾ ĠU C 311 E, tal-31.10.2000, p. 136.

⁽²⁾ Opinjoni mogħtija fl-24 ta' Ottubru 2000 (għadha ma ġiet ippublikata fil-Ġurnal Uffiċjali).